ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 26/13**
***Kienet addottata Aġenda nru. 21/2013***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 10 ta' Diċembru 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 25/13 TAL-5 TA' NOVEMBRU 2013 U L-20 TA' NOVEMBRU 2013

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 25/2013 tal-5 ta' Novembru 2013 u l-11 ta' Novembru 2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 25/13 TAL-5 TA' NOVEMBRU 2013 U L-20 TA' NOVEMBRU 2013

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Il-Kunsillier Camilleri għamel referenza għall-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Isqof ta' Għawdex u rrefera għal punt li ssemma waqt din il-laqgħa dwar ir-restawr tal-Knisja taż-Żebbuġ. Camilleri qal ix-xogħol tar-restawr tal-knisja mhux kompitu tal-Kunsill.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 45/13

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 45/2013 tat-Tlieta 19 ta' Novembru 2013 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Memo 31/2013 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar identifikazzjoni ta' binjiet fil-lokalita' biex isir l-eżerċizzju tat-tiġdid tal-karti tal-identita'. Il-Kunsill ftiehem li jirrakkomanda l-iskola għal dan il-għan.

Ittra mibgħuta minn Refalo & Associates għan-nom ta' Tereża Cefai dwar it-twessiegħ tal-bankina ta' faċċata tar-residenza 24 Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Is-Sindku qal li hu kien avża lil Cefai b' din l-ittra u Cefai kien qallu li ser ikellem lill-Ministru għal Għawdex.

Ittra mibgħuta mill-Av. Angele Formosa għan-nom tal-ex Sindku Carmelo Saliba fejn ressqet talba biex il-Kunsill iħallas il-kontijiet li Saliba kien ordnat iħallas fil-kawża Il-Pulizija vs Carmelo Saliba et.
Il-Kunsill qabel li l-ittra tiġi mwieġba mill-avukat tal-Kunsill.

Ittra mibgħuta mill-Malta Community Chest Fund dwar il-kampanja ta' ġbir ta' fondi L-Istrina.

Komunikat mibgħut mill-Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ tal-lokalitajiet tan-Nadur u r-Rabat dwar l-organizzazzjoni ta' attivita' f' Għawdex mill-Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ tar-Reġjun ta' Għawdex.

Stima ta' Galea Curmi Engineering biex isiru dwal fil-*bollards* ta' Triq Mons Ġużeppi De Piro. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel sejħa għal kwotazzjonijiet għall-provvista tal-*light fittings*.

Stima ta' Galea Curmi Engineering biex issir sistema ġdida ta' dwal fi Pjazza l-Assunta. Gie deċiż li ssir sejħa għall-offerti.

Stima tal-Perit Scerri biex jitqatta' blat u titwassa t-triq ta' Ħabel it-Twil. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel sejħa għall-offerti.

Stima tal-Perit Scerri biex isir *guard rail* fi Triq Għajn Mhelhel.

Il-Kunsill qabel li jgħaddi lil Transport Malta proposta biex isir *traffic management* fid-daħla taż-Żebbuġ fi Triq il-Knisja.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 19/2013 – DOK A għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru u d-9 ta' Diċembru 2013 kienet approvata.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### TINDIF U ŻAMMA TAL-*PLAYING FIELD* TAŻ-ŻEBBUĠ U L-*PROMENADE* TAL-QBAJJAR

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bi tweġiba tad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar il-kwistjoni tal-offerta ta' Paul Caruana. Il-Kunsill ddeċieda li jieħu l-parir tal-avukat tal-Kunsill.

### PROVVISTA, INSTALLAZZJONI, TĦADDIM U MANUTENZJONI TA' *ON LINE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

Dan l-*item* ma kienx diskuss peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadu ma kkonfermax jekk l-irħas kwotazzjoni mitfugħa hiex konformi mal-i*specs* tad-dipartiment.

### STAMPAR TA' KALENDARJU

Il-Kunsill Lokali għażel il-kwotazzjoni ta' Vista Group li kienet l-irħas waħda.

## 8. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 78/2013 – Philip Bonello**
Talab biex isir traqqiegħ ta' Triq Ħabel it-Twil, minn Diamonds Flats il-ġewwa. Xogħol approvat mill-Kunsill (isir ma' Ta' Tutiet).

**Nru. 77/2013 – is-Sindku Nicky Saliba**

Biex jinbidlu l-vitien tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ. Il-Kunsill approva li jibdel il-vitien kollha tal-latrina taż-Żebbuġ.

**Nru. 75/2013 – Teofilu Mangion**
Talab biex jitranġaw il-ġonot ta' mal-ħajt tal-bankina quddiem Qbajjar Restaurant. Xogħol approvat mill-Kunsill.

**Nru. 76/2013 – Adelina Cini**
Issir grada fi Triq Panoramika l-ġewwa mis-salini. Il-Kunsill approva li ssir grada, jagħmel ix-xogħol Christ Xuereb.

**Nru. 79/2013 – is-Sindku Nicky Saliba**
Isir konkos mal-ħajt tat-triq fi Triq is-Sagħtrija. Ix-xogħol ġie approvat mill-Kunsill.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill qabel li jagħmel dawn is-sejħiet għall-offerti:

- servizzi ta' *contracts manager*
- traqqiegħ bil-*cold asphalt* ta' toroq.

Il-Kunsill approva:

- t-tiġdid tal-kuntratt tal-kera tal-uffiċini tal-Kunsill.
- x-xiri ta' kompjuter, Samsung *television* u PS 3 għaċ-ċentru taż-żgħażagħ.

Ġie deċiż li tintalab kwotazzjoni għax-xiri ta' *perspex podium*.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva